MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2013

Rikors Numru. 11/2013

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta' Mejju 2000 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal (vide kopja ta' certifikat taz-zwieg hawn anness);

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Joseph Debono mill-20 ta' Mejju 2003, kopja ta' liema kuntratt huwa hawn  anness bhala Dok. B.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li ilhom separati snin twal u illum ffurmaw hajjiet totalment separati u distinti minn xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut mill-partijiet lil xulxin.

Illi b’hekk huma soddisfatti r-rekwiziti kollha tal-artikolu 66B et sequitur tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-esponenti xtaqet tipprevalixxi ruhha mid-drittijiet lilha moghtija sabiex titlob il-hall taz-zwieg bejnha u bejn zewgha.

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnha u bejn zewgha, Jankarl Farrugia;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien li tistabilixxi din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta’ Jannar, 2013;

Semghet lill-intimat jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-20 ta’ Mejju 2003 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn hadd mill-partijiet;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------